MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 12(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 14 ta' Novembru 2012, fil-5:30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Proposta Milied Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Kultura
6. Quarterly Financial Report Lulju-Settembru 2012
7. Ħatra ta' Bord ta' l-għażla għal sejħa għall-offerti MXLC04/2012
8. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti MXLC06/2012- Collection of Mixed Household waste
9. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
10. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **<u>Qari tal-Minuti</u>**

1.1 Minuti numru 11(2012) kienu tqassmu qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Wara konsiderazzjoni il-Kunsill fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Angelo Micallef unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

## 2 Arisings mill-Minuti

2.1 Is-Sindku qal illi b'referenza għal item 3.7, il-Kunsill kien talab laqgħa mas-Sur Joseph Caruana u mas-Saviour Ellul rigward applikazzjonijiet bin-numri PA04988/08 u PA01352/08. Huwa żied illi filwaqt li s-Sur Ellul kien imsiefer u ma' setax jiltaqa' mal-Kunsill Lokali, kienet inżammet laqgħa mas-Sur Joseph Caruana. Wara li E.M. ta' rendikont ta' l-eżitu tal-laqgħa kien hemm diskussjoni libera li matulha ġiet diskussa fost l-oħrajn ittra li l-Kunsill Lokali kien bagħat fis-sena 2010 b'konnessjoni ma' l-applikazzjoni tas-Sur Caruana.

## 3 Korrispondenza

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 Permezz ta' ittra datata 5 ta' Novembru 2012, is-Sa. Josette Camilleri, f'isem l-Aġenzija Żgħażagħ infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien intleħaq il-minimu ta' ħames parteċipanti sabiex ikun jista' jitwaqqaf Kunsill Lokali taż-żgħażagħ ġewwa l-lokalita'. Il-Kunsill ġie infurmat illi kien ser ikun allokat youth worker sabiex jiggwida liż-żgħażagħ għal din l-esperjenza. Is-Sur Angelo Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw spjega ta' x'kien ser ikun qiegħed iseħħ b'konnessjoni ma' din l-inizjativa.

3.2 Permezz ta' ittra is-Sur Carmelo Muscat talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex itella' l-opra tal-baħar tiegħu bl-isem 'MaryRose' fuq l-art fiż-żona tal-magħluq. Is-Sur Muscat talab illi jinħariġlu permess sa tmiem Ġunju 2013. Wara diskussjoni qasira fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Stephen Caruana u li għaddiet b'mod unanimu kien hemm qbil illi s-Sur Muscat kellu jinħariġlu permess bil-kundizzjoni illi sa tmiem April 2013 ikun neħħa l-opra tal-baħar minn fuq is-sit.

3.3 Ittra mingħand is-Sur Toni Zerafa li permezz tagħha is-Sur Zerafa talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikun jista' jtella' l-opra tal-baħar tiegħu, bl-isem ta' 'Is-Sieħbu' fuq l-art fiż-żona tal-magħluq. Is-Sur Zerafa talab lill-Kunsill Lokali sabiex il-permess jinħareġ sa' tmiem Marzu 2013. Wara diskussjoni qasira, fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Steven Grech u li għaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill Lokali laqa' it-talba tas-Sur Zerafa.

3.4 Permezz ta' ittra, l-Onor. George Pullicino, Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali irringrazzja lill-Kunsill Lokali għall-kollaborazzjoni li kien offra fl-organizzazzjoni tal-festival tat-tonn li kien inżamm ġewwa l-lokalita'.

3.5 Permezz ta' ittra datata 8 ta' Novembru 2012 u indirizzata lill-Perit Martin Attard Montalto, l-Kunsill Lokali talab lill-Korporazzjoni għajnuna sabiex ikun jista' jiġi installat dawl mal-palm ta' Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi din it-talba kienet intbagħtet wara li huwa kellu kuntatt mal-Perit Attard Montalto.

3.6 E-mail datat 29 t'Ottubru 2012 mingħand Dr.Angele Vella f'isem id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie mgħarraf illi abbozz ta' bye-law li l-Kunsill kien ressaq għall-approvazzjoni rigward *remote controlled Power Boats, Aeroplanes u Helictopters* kienet ġie aċċettata.

3.7 Ittra datata 16 t'Ottubru 2012 mingħand is-Sur Joe Fenech Soler, direttur tal-Kumpanija Blues Limited li permezz tagħha tressqet proposta sabiex ġewwa l-lokalita' jiġu installati xi mappa/mapep ġewwa Marsaxlokk li kellhom jindikaw siti ta' interess għall-pubbliku. Wara

diskussjoni qasira kien hemm qbil illi peress illi kien hemm il-pjan illi jiġu installati mapep simili għal dik proposta permezz ta' proġett ta' l-Unjoni Ewropeja din il-proposta ma kelliex tintleqa'.

3.8 Ittra mingħand is-Sur John Bonnici f'isem il-kumpanija Online Store li permezz tagħha l-istess Online Store offriet lill-Kunsill Lokali l-possibilita' illi jsir reklamar fuq U-Channels fil-lokalita' u l-Kunsill Lokali jirċievi xi flus għal kull reklam. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbagħat ittra lill-Kumpanija msemmija li permezz tagħha jingħad illi fil-lokalita' ma kienx hemm U-Channels.

3.9 Ittra mibgħuta mill-Kunsill Lokali lis-sidien ta' stabbilimenti f'Xatt is-Sajjieda li permezz tagħha il-Kunsill Lokali għadda informazzjoni dwar inizjativa li kien ser jieħu il-Kunsill Lokali sabiex isiru dwal mal-palm ta' Xatt is-Sajjieda. Permezz ta' l-ittra il-Kunsill Lokali stieden lil dawk li xtaqu jgħinu fl-inizjativa sabiex javviċinawh.

3.10 Permezz ta' e-mail datat 31 t'Ottubru 2012 indirizzata lis-Sur Joseph Caruana, Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd, il-Kunsill Lokali ġibed l-attenzjoni dwar meters tad-dawl u l-ilma li kien hemm f'winchrooms f'Xatt is-Sajjieda u li dwarhom kien hemm qbil illi kellu jsir trasferiment minn fuq il-Kunsill Lokali għad-Dipartiment tas-Sajd ma tmiem il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Xatt is-Sajjieda. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif il-Kunsill lokali kien għadu ma rċieva ebda risposta dwar din it-tema. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi kellha tintbagħat e-mail oħra lis-Sur Caruana, li permezz tagħha il-Kunsill kellu jinforma lid-Dipartiment tas-Sajd illi kien ser jagħti ċans sa tmiem Novembri 2012 sabiex tittieħed azzjoni dwar il-meters.

3.11 E-Mail datat 9 ta' Novembru 2012 mingħand is-Sur Lawrence Formosa li permezz tiegħu il-Kunsill ġie mitlub jikkonsidra illi jinħareġ permess għal esibizzjonijiet ta' tajr tal-priża. Is-Sur Formosa talab illi jinħariġlu permess sabiex ikun jista' jesibixxi tajra tal-priża ġewwa l-lokalita' sabiex it-turisti u dawk li jżuru Marsaxlokk, filwaqt li jingħataw spjega ta' fiex tikkonsisti l-falkunerija ikollhom l-opportunita' illi jieħdu ritratti mat-tajr. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi huwa kellu kuntatt mas-Sur Formosa li min-naħa tiegħu offrielu illi kemm il-darba jkun hemm interess kien lest illi anke jagħmel xi dimostrazzjonijiet lit-tfal ta' l-iskejjel. C.M. qal li huwa kien ta' l-opinjoni illi s-Sur Formosa għandu jinħariġlu permess iz-zona tal-magħluq sa' tmiem l-2012. Kemm il-darba ma jkunx hemm problemi, is-Sur Formosa seta' jagħmel talba sabiex il-permess jiġi estiż. Kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Formosa għandu jinħariġlu permess hekk kif propost mis-Sur Carmelo Bugeja.

3.12 Permezz ta' e-mail datat 23 ta' Ottubru 2012, is-Sinjura/ina Josianne Zahra minn Transport Malta, infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kuntrattur li kien ingħażel sabiex jagħmel xogħol ta' resurfacing fi Triq Tonin Attard ma kienx iffirma l-kuntratt u għaldaqstant kienet ser tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid.

3.13 Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Novembru 2012 u indirizzat lis-Sur Carmel Żammit mill-Minsiteru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar nuqqasijiet li kien innota minn impjegat tal-*Cleansing Services Directorate* u talab illi tittieħed azzjoni sabiex is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi rranġata.

3.14 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Novembru 2012, is-Sinjura/ina Susanna Bonello minn Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi ż-żona riservata għax-xarabanks ta' Arriva fi Triq l-Arżnell kienet għadha tintuża u għaldaqstant, it-talba tal-Kunsill Lokali sabiex jitneħħew it-tabelli u jsir parkeġġ għall-vetturi ma setgħetx isseħħ. Wara diskussjoni libera

kien hemm qbil illi kellhom jittieħdu ritratti tas-sit in-kwistjoni sabiex tkun riżolta din il-materja.

3.15 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Novembru 2012, is-Sur Randolph Spiteri mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru informa lill-Kunsill Lokal illi l-livell ta' indafa fil-latrini pubbliċi tal-lokalita' ma kienx wieħed soddisfaċenti u wissa' lill-istess Kunsill Lokali illi kienet qiegħda tiġi kkunsidrata l-possibilita' illi l-*Cleansing Services Department* iwettaq xogħol ta' tindif a-spejjeż tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku kien irrisponda għal dan l-ilment b'e-mail li kopja tiegħu intbagħtet lid-Direttur tal-Gvern Lokali u li permezz tiegħu saħaq l-importanza li bye-law dwar il-latrini pubbliċi tiġi approvata. Is-Sur Carmel Abela, Direttur għall-Gvern Lokali, permezz ta' e-mail, filwaqt illi qal li kien ser jiċċekkja fiex kien wasal il-proċess ta' approvazzjoni tal-bye law imsemmija, talab illi l-latrina pubblika titnaddaf minnufih. Is-segretarju Eżekuttiv qal illi kienet inġibdet l-attenzjoni tal-Kuntrattur ikkonċernat u dan l-ilment kien ġie riżolt.

3.16 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Novembru 2012, is-Segretarju Eżekuttiv, f'isem il-Kunsill, ġibed l-attenzjoni tas-Sur Ricky Caruana, rigward nuqqasijiet fis-servizz li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jingħata b'rabta ma' kuntratt li kien hemm bejn il-Kunsill Lokali u l-istess Ricky Caruana. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur Caruana kien għamel kuntatt mal-Kunsill Lokali u kien ser jieħu ħsieb isolvi n-nuqqasijiet.

3.17 E-mail datat 17 ta' Ottubru 2012 mingħand is-Sur Jonathan Henwood mill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar li permezz tiegħu inħareġ permess lill-Kunsill Lokali sabiex siġra taż-żebbuġ li kien hemm fi Triq il-Port Ruman tinqala' u tiġi mħawla mill-ġdid f'post ieħor. Is-Sindku qal illi dan il-permess kien intalab wara li kien ġie kkonfermat illi l-istess siġra kienet qiegħda tagħmel xi ħsara fil-pavimentar u l-katusi ta' residenza. Kien hemm diskussjoni libera li matulha tqajjem fost l-oħrajn il-punt illi kemm il-darba tinqala' s-siġra in-kwistjoni jkun qiegħed jinħoloq preċedent u kien hemm il-possibilita' illi residenti oħra mill-istess żona jitolbu illi jinqalgħu is-siġar ta' quddiem ir-residenzi tagħhom. Is-Sur Edric Micallef qal illi f'dan il-każ l-ilment li kien irċieva l-Kunsill Lokali kien ġie ġustifikat għaliex il-Kunsill Lokali kien ikkonferma illi s-siġra in-kwistjoni kienet qiegħda tagħmel il-ħsara. E.M. żied jgħid illi għaldaqstant huwa kien qiegħed iressaq proposta sabiex isiru ix-xogħolijiet meħtieġa. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda din il-proposta li dwarha kien hemm votazzjoni ta' tnejn favur, astensjoni u żewġ voti kontra. F'dan l-istadju, is-Sur Edric Micallef, fil-kwalita' ta' persuna li kienet qiegħda tippresiedi l-laqgħa, għażel li juża il-*casting vote* u vvota favur il-proposta.

3.18 E-mail datat 29 ta' Ottubru 2012 mingħand is-Sinjura/ina Sonia Bruno mill-Awtorita' tad-Djar li permezz tagħha il-Kunsill Lokali ġie mħeġġeġ juri l-interess tiegħu fl-iskema 'Programm ta' Manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011-2016. Permezz ta' dinl-iskema il-partijiet tal-komun tal-bini tal-Gvern kien ser isirilhom xogħol ta' manutenzjoni. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill għandu jipparteċipa f'din l-iskema.

3.19 Permezz ta' e-mail datat 18 t'Ottubru 2012, Dr.Ronald Cuschieri, minn ELC Co. Ltd. informa lill-Kunsill Lokali aġġorna lill-Kunsill Lokali bi żviluppi li kien hemm rigward talba li l-Kunsill kien għamel sabiex jiċċaqlaq xi siġar tal-palm f'Xatt is-Sajjieda. Wara li nqrat il-korrispondenza kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu ikompli isegwi din il-materja sabiex ikunu jistgħu isiru ix-xogħolijiet meħtieġa.

3.20 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Novembru 2012, Fr.Mario Mangion, wieġeb lill-Kunsill Lokali rigward arbli li l-istess Kunsill Lokali kien talab li jiġi misluf b'konnessjoni ma'

tiżjin li kien ser isir għal żmien il-Milied. Filwaqt illi nforma lill-Kunsill Lokali illi l-parroċċa kienet taqbel mal-proposta tal-Kunsill Lokali, Fr. Mangion ġibed l-attenzjoni għall-fatt illi l-maġġoranza tal-arbli li l-parroċċa kellha kienu ta' l-injam u kemm il-darba jitħallew fix-xita issirilhom il-ħsara. Huwa żied jgħid illi madanakollu, il-parroċċa kienet fil-pussess ta' disa' arbli tal-ħadid u kienet lesta sabiex tislifhom lill-Kunsill Lokali kemm il-darba ikun hemm bżonnhom. Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu għalkemm kien minnu illi l-arbli ta' l-injam kienet issirilhom ħsara kemm il-darba jitħallew fix-xita, fil-passat kien hemm okkażjonijiet fejn l-istess arbli kienu ġew mislufa. Kien hemm diskussjoni libera dwar x'għandu jagħmel il-Kunsill f'dan l-istadju u finalment intleħaq qbil unanimu illi il-Kunsill Lokali għandu jiġbor kwotazzjonijiet sabiex jikri l-arbli meħtieġa. Is-Sur Steven Grech qal illi f'dan l-istadju, fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi ma jħallix lil min juża meter tad-dawl tal-Kunsill Lokali sabiex tiżżejjen Pjazza Madonna ta' Pompei fi żmien il-Milied. Is-Sur Angelo Micallef issekonda din il-proposta li għaddiet b'votazzjoni ta' tliet voti favur, astenzjoni u vot wieħed kontra.

## 4 <u>Komunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

4.1 Is-Sindku qal li kien għamel kuntatt mal-Perit Marven Ellul sabiex jitkompla l-proċess ħalli jkun jista' jimmaterjalizza l-proġett ta' *playing field* ġdida fi Triq il-Wilġa. E.M. żied illi l-Perit Ellul kien ġie mitlub iħejji l-materjal sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika ħalli parti mill-fondi għal dan il-proċess jiġu miksuba mill-*Urban Improvement Fund*. Is-Sindku talab lill-Perit Ellul, li kien preżenti waqt is-seduta sabiex jinforma lill-Kunsill Lokali fiex kien wasal il-proċess. Il-Perit Ellul min-naħa tiegħu ressaq fuq il-mejda sett ta' dokumenti relatati ma' applikazzjoni għall-*Urban Improvement Fund*. Huwa żied illi min-naħa tiegħu kien ħa ħsieb jiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa u kien jonqos biss illi tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex parti mill-ispejjeż għall-proġett ikkonċernat jiġu koperti mill-fondi ta' l-*Urban Improvement Fund*.

Il-Perit Marven Ellul informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni li kien għamel ma xogħolijiet fuq toroq fis-snin imgħoddija huwa kien għadu ma tħallasx. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-kotba tal-Kunsill Lokali kien jidher illi l-Perit Ellul kellu jitħallas is-somma ta' €12 854. Huwa żied jgħid illi minn analiżi li kienet għamlet l-amministrazzjoni tal-Kunsill kien irriżulta illi dan l-ammont kien ilu pendenti għal numru ta' snin. D.H. qal illi kien ser jagħmel kuntatt mas-Sur John Restall eks-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiskopri ir-raġunijiet għalfejn l-ammont kkonċernat kien għadu ma tħallasx. Huwa ħeġġeġ lill-Perit Ellul sabiex jgħaddi lill-Kunsill kopja tad-dokumenti li kellu b'konnessjoni ma' l-ammont dovut.

4.2 Is-Sindku qal illi Reġjun Xlokk kien qiegħed jippjana sabiex jittella' *football tournament* għal timijiet *amateurs*. Għal dan il-għan il-għan kienet intalbet l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali li jifformaw ir-reġjun sabiex jiġu mħajra jipparteċipaw timijiet minn lokalitajiet differenti. E.M. qal illi għal dan il-għan kien għamel kuntatt ma' rappreżentant ta' Marsaxlokk AFC.

Is-Sur Edric Micallef qal illi l-istess Reġjun Xlokk kien qiegħed jippjana sabiex tliet persuni minn kull lokalita' li taqa' taħt l-istess reġjun jingħataw taħriġ sabiex f'każ ta' xi emerġenzi jkun jista' jsir kuntatt magħhom. Huwa żied jgħid illi l-persuni identifikati kellhom ikunu individwi li setgħu ikunu disponibbli f'każ ta' xi emergenza.

4.3 Is-Sur Edric Micallef qal li kien ġie avviċinat mis-Sinjura/ina Claire Farrugia li kienet talbet illi tinħoloq żona ġewwa l-lokalita' fejn sidien ta' klieb ikunu liberi illi jħallu lill-kelb tagħhom jimraħ mingħajr ma' jkun marbut. Huwa żied illi s-Sinjorina Farrugia kienet

saħansitra waqqfet kumitat għal dan il-għan u l-istess kumitat kien individwa sit fiż-żona ta' Triq il-Port Ruman.

4.4 Is-Sindku qal illi kien hemm xi żviluppi rigward ix-xogħol li kien sar permezz ta' fondi tal-*Urban Improvement Fund* ġewwa Pjazza Madonna ta' Pompei. Fil-fatt wara li kienet ġiet sottomessa id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, rappreżentant tal-MEPA kien għamel spezzjoni fuq il-post sabiex jiġi vverifikat illi x-xogħol kien effettivament twettaq.

4.5 Is-Sindku qal li kien irċieva talba għal permess ta' attivita' f'Jannar 2013. Huwa żied illi l-attivita' kienet tinvolvi show ta' karozzi Amerikani. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi din il-materja kellha tiġi diskussa hekk kif toqrob id-data ta' l-attivita' u l-Kunsill ikollu aktar dettalji dwarha.

4.6 Is-Sindku qal illi fl-10 ta' Novembru, waqt laqgħa plenarja għas-Sindki u Kunsilliera imtella' mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kien għamel intervent li permezz tiegħu fost l-oħrajn semma kif wara li l-Kunsill Lokali ikun irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward rapporti minn terzi u jiċċara l-pożizzjoni tiegħu ma kien qiegħed jirċievi ebda risposta min-naħa tad-Dipartiment dwar jekk il-Kunsill mexiex b'mod korrett fil-każ partikolari. Is-Sur Micallef żied, illi kien ġab eżempju b'każ li kien seħħ ġewwa l-lokalita' b'relazzjoni mat-tindif taż-żona li fiha kien jarma s-Suq fil-beraħ nhar ta' Ħadd u li dwaru il-Kunsill ma rċieva ebda risposta jekk kienx hemm xi ksur ta' proċeduri jew liġijiet. E.M. qal illi waqt il-laqgħa plenarja kien semma wkoll l-argument tal-*Value Added Tax*. Dwar dan is-suġġett kien issuġġerixxa illi l-Kunsilli Lokali għandu ikollhom sehem mill-VAT li jħallsu l-entitajiet kummerċjali fil-lokalita' u elenka numru ta' benefiċċji li setgħu jirriżultaw minn din l-inizjativa. Is-Sindku qal illi kien semma' wkoll il-fatt illi għalkemm il-Kunsilli Lokali kienu qiegħdin iħallsu l-VAT, fil-preżent ma' setgħux jitolbu għal rifużjoni, faċilita' li setgħet tgħin finanzjarjament lill-istess Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi għandha tinħareġ stqarrija għall-istampa dwar is-suġġerimenti li kien għamel il-Kunsill Lokali b'konnessjoni mal-*Value Added Tax*.

## 5 <u>Proposta Milied Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Kultura</u>

5.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali kien irċieva Memo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li għaliha setgħu japplikaw il-Kunsilli Lokali kollha. Il-memo kienet tittratta skema dwar attivitajiet kulturali mtella' mill-Kunsilli Lokali. E.M. żied jgħid li s-Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Kultura kien wera' x-xewqa li jtella' attivita' għall-Milied 2012 u kienet ġiet evalwata l-possibilita' illi jinkisbu fondi minn din l-iskema sabiex tittella' l-attivita'.
Is-Sur Angelo Micallef spjega kif flimkien mal-Kunsillier Steven Grech u l-membri tas-Sotto-Kumitat kien qiegħed jieħu ħsieb sabiex nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru 2012, jittella' *Christmas Market* ġewwa Pjazza Madonna ta' Pompei. Għalkemm inizjalment kien hemm il-ħsieb illi l-attivita' tkun fuq skala ridotta sabiex ma' tkunx ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill Lokali, is-Sotto-Kumitat iddeċieda illi jissottometti applikazzjoni sabiex jinkisbu fondi permezz ta' l-iskema msemmija u kien ħejja programm li l-ispiża totali relatata miegħu kienet tammonta għal €5650. Wara li ta' dettalji dwar l-attivita', is-Sur Micallef talab lill-Kunsill jikkunsidra illi jivvota s-somma ta' €605.50 għal din l-attivita'. Huwa żied illi dan l-ammont kien qiegħed jintalab peress illi l-massimu illi seta' jiġi miksub permezz ta' l-iskema kkonċernata kien ta' €5000. Is-Sur Carmelo Bugeja ippropona illi l-Kunsill japplika sabiex jinkisbu fondi permezz ta' l-iskema msemmija aktar il-quddiem u l-Kunsill jivvota l-ammont mitlub mis-Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Kultura għall-attivita' deskritta. Is-Sur Steven Grech issekonda din il-proposta li għaddiet b'votazzjoni unanima. Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi kemm il-darba il-Kunsill ma jingħatax fondi mill-iskema msemmija,

huwa kien ta' l-opinjoni li ssir reviżjoni tal-programm ta' attivitajiet sabiex ma tinqabiżx l-ispiża ta' €605.50. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

**6 Quarterly Financial Report (Lulju-Settembru 2012)**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda kopja tal-Quarterly Financial Report għall-perjodu Lulju-Settembru 2012. Huwa spjega kif filwaqt li n-nefqa tal-Kunsill Lokali f'divesi oqsma kienet tirrifletti dak li kien ġie ppjanat fil-*budget*, kien hemm xi oqsma li n-nefqa għalihom kienet qabżet l-ammont allokat. D.H. żied jgħid illi fil-maġġoranza ta' dawn il-każi l-infiq kien konness ma ċirkostanzi li l-Kunsill Lokali ma kellux kontroll fuqhom. Eżempju ta' dan kienu il-Professional Services, fejn minkejja li l-Kunsill Lokali nefaq aktar mill-ammont allokat, kienu inqalgħu ċirkostanzi li għalihom il-Kunsill Lokali bilfors kellu juża s-servizzi ta' professjonisti.
Is-Sur Angelo Micallef ressaq proposta sabiex il-dokument ta' Quarterly report jiġi approvat hekk kif propost. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'mod unanimu.

**7 Ħatra ta' Bord ta' l-għażla għal sejħa għall-offerti MXLC04/2012**

Is-Segretarju Eżkuttiv qal illi b'konnessjoni ma' sejħa għall-offerti MXLC04/2012 li kienet tagħlaq nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru 2012 kien jinħtieġ illi jinħatar bord ta'evalwazzjoni. Is-Sindku qal illi huwa kien qiegħed jipproponi illi l-kunsilliera kollha ikunu maħtura membri fil-bord ta' evalwazzjoni għal din is-sejħa. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'mod unanimu. Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex hekk kif seħħ fil-passat, membri fuq dan il-bord jinħatru wkoll is-Sur Angelo Baldacchino ( 'Id-Dwejra, Triq il-Fellukka, Marsaxlokk) u s-Sur Salvatore Attard ( 'La Paloma Blanca', Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk). Is-Sur Edric Micallef issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu.

**8 Ħruġ ta' sejħa għall-Offerti MXLC06/2012- Colelction of Mixed Household Waste**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien jinħtieġ li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart domestiku. Huwa żied illi l-amministrazzjoni kienet qiegħda tħejji d-dokument ta' l-offerti, madanakollu kien hemm xi materji li kienu jinħtieġu deċiżjoni tal-Kunsill. D.H. għadda sabiex jitlob lill-Kunsilliera preżenti jieħdu deċiżjoni dwar il-ġranet tal-ġbir ta' skart imħallat, kif ukoll ta' skart riċiklabbli. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu joħroġ sejħa għall-ġbir ta' skart imħallat erba' darbiet fil-ġimgħa u cioe' kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ħamis u Sibt. Kull nhar ta' tlieta u nhar ta' Ġimgħa imbagħad kellu jsir ġbir ta' skart riċiklabbli. Wara diskussjoni libera dwar din il-materja, is-Sur Stephen Caruana ippropona illi s-sejħa għall-offerti tinħareġ hekk kif kien ippropona s-Sindku. Is-Sur Steven Grech issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu. S.G. qal illi fl-opinjoni tiegħu inkluża fis-sejħa kellu jkun hemm klawsola li tobbliga lill-kuntrattur jiġbor l-iskart mhux riċiklabbli anke meta taħbat festa pubblika. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.
Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu, inkluż fis-sejħa kellu jkun hemm ukoll it-tbattil u ġbir ta' skart illi jintrema' f'*litter bins* li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda. Hekk setgħu jiġu riżolti problemi li kienu qiegħdin jinqalgħu meta l-volum ta' skart mormi ikun konsiderevoli. Is-Sur Edric Micallef issekonda din il-proposta li għaddiet b'mod unanimu.

**9 Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

Fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Steve Grech, il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma inklużi fl-iskeda ta' pagamenti ( Skeda Nru.09/2012(NC)), li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti

*F'dan l-istadju is-Sur Stephen Caruana talab lill-Kunsill sabiex ikun skużat jitlaq mis-seduta minħabba impenji personali (7:45p.m.)*

**10 Affarijiet oħra**

10.1 Is-Sur Stephen Caruana qal illi kien irċieva xi ilmenti mingħand residenti rigward nuqqas ta dawl fi Triq iż-Żejtun biswit Kappella ddedikata lil San Pietru. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi fiż-żona għandha titwaħħal *flood light* li filwaqt li titfa' dawl fuq il-kappella msemmija tixgħel iż-żona.

10.2 Is-Sur Stephen Caruana qal illi fl-opinjoni tiegħu kien hemm bżonn li ssir *pedestrian crossing* fi Triq Duncan. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu f'dan il-każ kellhom jitwaħħlu tabelli li jindikaw li ż-żona hija pedestrian priority area. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali jordna tabelli sabiex jiġi implimentat is-suġġeriment tas-Sindku.

10.3 Is-Sur Steven Grech qal illi matul l-2010, is-Sur Jonathan Gravina kien ġie mqabbad itella' ċint tal-ġebel fiż-żona ta' l-għar l-aħmar. Huwa żied jgħid illi għal dan ix-xogħol, għal xi raġuni jew oħra ma kenitx inħarġet il-*works order*. Is-Sur Steven Grech filwaqt li talab lis-Sur Stephen Caruana u lis-Sur Edric Micallef jikkonfermaw jekk kienux konxji tax-xogħol li wettaq is-Sur Gravina, talab lill-Kunsilliera preżenti jikkunsidraw illi s-Sur Gravina jiġi mħallas tax-xogħol li wettaq. Kemm E.M. kif ukoll S.C ikkonfermaw illi kienu jafu illi ttella' ċ-ċint imsemmi fuq ordni tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu illi kellu isir kuntatt mas-Sur Gravina sabiex jiġi stabbilit kemm kien l-ammont dovut għax-xogħolijiet u l-Kunsill Lokali ikun f'pożizzjoni aħjar li jevalwa din il-materja.

10.4 Is-Sur Angelo Micallef qal illi s-Sur Roman Gafa' kien irtira mis-Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Kultura minħabba raġunijiet personali. A.M. talab lill-Kunsilliera preżenti sabiex minflok is-sur Gafa' jikkunsidraw il-possibilita' illi s-Sinjorina Kimberly Caruana (303493M – 78,'Morning Star', Triq l-Arżnell, Marsaxlokk) tissieħeb mas-Sotto-Kumitat imsemmi minflok is-Sur Gafa'. Is-Sur Carmelo Bugeja ippropona illi jsir it-tibdil hekk kif suġġerit mis-Sur Angelo Micallef. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech u għaddiet b'mod unanimu.

10.5 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi kienu kellmuh diversi residenti li staqsew ir-raġunijiet li għalihom ġewwa l-lokalita' ma kienx jitqassam ikel b'xejn li kienet toffri il-komunita' ewropeja lil residenti intitolati. Is-Sur Bugeja qal illi fl-opinjoni tiegħu ġaladarba l-ikel imsemmi ma' setax jitqassam mill-kappillan kellha tiġi evalwata l-possibilita' illi dan jitqassam minn xi għaqda oħra fil-lokalita' u ġab eżempju bl-għaqda 8 ta' Mejju. Wara diskussjoni libera dwar din it-tema, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux jinvolvi ruħu f'din il-materja.

10.6 Is-Sur Steven Grech qal illi b'konnessjoni ma' tiżjin għall-Milied 2012 li l-Kunsill Lokali kien iddeċieda li jagħmel f'Xatt is-Sajjieda, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kien ħa ħsieb jiġbor quotations għax-xogħolijiet u t-tiżjin innifsu. Huwa żied jgħid illi bl-għajnuna tas-Sur Carmelo Bugeja kien hemm il-possibilita' illi l-korporazzjoni Enemalta tagħti donazzjoni ta' €1200 b'risq din l-inizjativa. Wara li ta' rendikont tal-quotations li kienu inġabru u ta' kif kien qiegħed jiġi ppjanat li jitqassam ix-xogħol, kien hemm qbil unanimu illi x-xogħol fuq din l-inizjativa għandu jibqa' għaddej.

10.7 Is-Sur Steven Grech qal illi kien ġabar quotation għal rope light li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jippjana li jwaħħal mas-siġar tal-palm li kienu jinstabu f'Xatt is-Sajjieda. Huwa żied illi ma' l-ispiża ta' rope light kien ser ikun hemm spejjeż ta' electricians u ta' materjal ieħor. Is-Sur Edric Micallef qal illi għal din l-inizjativa l-Kunsill Lokali kien irċieva xi għajnuna minn sidien ta' stabbilimenti fiż-żona.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 6 ta' Dicembru 2012.

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**